# Santa Marija fil-leġġendi u twemmin



Joseph C Camilleri BA; DEAM; M.Ed (Pl & Mgt)

Id-devozzjoni lejn it-Tluq is-Sema ta' Marija Santissima bir-ruħ u l-ġisem twelled f'moħħ id-devoti stejjer li jgħaddu minn generazzjoni għall-oħra. Maż-żmien dawn l-istejjer isiru jew leġġendi jew twemmin. Il-leġġendi marbutin mal-festa ta' Santa Marija jduru fuq l-istess lokalità – ir-Rabat Għawdex, madwar il-knisja matriċi tal-Assunta jew aħjar il-Katidral ta' Santa Marija. Anke t-twemmin insibuh mibni fuq dan l-istess post.

**Il-leġġenda tal-knisja katidrali**

L-Għawdxin kienu qed jibnu l-knisja matriċi ddedikata lil Santa Marija fuq l-għolja tal-Gelmus, biswit ir-Rabat. Kull darba li kienu qed iġibu l-ġebel, matul il-lejl kienu qed isibuh fuq l-għolja l-oħra jiġifieri dik tal-Kastell. Din l-istorja seħħet kemm id-darba. Fl-aħħar in-nies fehmu li l-Madonna ma riedetx il-knisja ddedikata lilha tinbena fuq l-għolja tal-Gelmus. Għalhekk bdew jibnuha fil-kastell, fejn hemm illum il-knisja katidrali, dik tal-Assunta[1].

Din il-leġġenda għandha versjoni oħra. Il-knisja ta' Santa Marija fil-Kastell kienet fi stat ħażin ħafna. L-Għawdxin riedu jibnu knisja oħra ġdida iżda din id-darba rieduha fuq l-għolja tal-Gelmus. Wara li ġarrew ħafna ġebel fuq dik l-għolja, fil-jum li kellu jibda l-bini, sabu li l-ġebel kien instab fil-kastell. Kulħadd ried ikun jaf x'ġara. L-Għawdxin jemmnu li kienet il-Madonna li ġarret dawn il-ġebel għaliex hi riedet li t-tempju tagħha jinbena hemm[2].

Leġġenda oħra dwar il-knisja matriċi ta' Santa Marija tgħid li din il-knisja nbniet fuq l-istess post ta' tempju pagan iddedikat lil Alla mara. Il-kittieb Għawdxi Ġorġ Pisani kiteb hekk dwar din il-leġġenda: '*Biċċa rħama bajda ngastata fil-paviment tad-daħla ta' din il-knisja jingħad li kienet tagħmel parti minn dan il-maqdes pagan*'.[3]

**Il-leġġenda tal-qanpiena ż-żgħira**

Il-knisja matriċi ma kelliex qanpien. Għalhekk beda l-ġbir fost in-nies. Kulħadd ta deheb u fidda kemm seta'. Kienu diġa bdew idewwbu sew id-deheb u sew il-fidda meta daqqa waħda dehret mara sabiħa ferm. Hekk kif daħlet xeħtet ħoġon deheb u ħoġon fidda fil-kardaruni. Kif lestiet din il-mara ma dehritx iżjed. Kulħadd beda jgħid li dik il-mara ma setgħet kienet ħadd ħlief il-Madonna[4]. Id-devoti ta' Santa Marija jemmnu li minħabba din il-ġrajja l-leħen tal-qanpiena tinstema' aktar ħelu matul il-kwindiċina u f'jum il-festa ta' Santa Marija[5].

**Il-leġġenda tal-qanpiena l-Kbira**

Leġġenda oħra dwar il-qanpiena tal-knisja matriċi tgħid li għall-ħabta ta' nofsilejl, bejn l-erbatax u l-ħmistax t'Awissu, l-Assunta mimlija dija u sbuħija, tinżel mis-sema u tieqaf fuq il-kampnar tal-knisja matriċi. Hi tiftaħ il-mant bajdani tagħha u toħroġ minnu ħodon deheb u tferrgħu kollu kemm hu fil-qanpiena l-kbira [6]. Xi Rabtin jgħidulek li l-leħen tal-qanpiena l-kbira jinstemma' aktar ħelu u armonjuż f'jum Santa Marija. Taqbila popolina tgħid:

<u>Fil-ħmistax t'Awissu</u> tinżel

1 Attard A. F., Il-folklore tal-festa ta' Santa Marija f'Għawdex, Programm ta' Santa Marija Rabat-Għawdex, 1984, p 44.
2 Pisani Ġ., Santa Marija fl-istorja, fid-drawwiet u fil-folklor, Programm ta' Santa Marija, Rabat Għawdex, 1984, p 39.
3 Cassar Pullicino G., op cit , p 7.
4 Attard A. F., op cit, p 44.
5 Pisani Ġ., op cit p 42.
6 Pisani Ġ., op cit, p 42.

il-Madonna kollha ħniena
u mill-mant tferra' bil-ħlewwa
ħodon deh'b ġewwa l-qanpiena[7].

**Il-leġġenda ta' nżul it-Torok**
Waqt il-festa ta' Santa Marija tal-1598 niżlu t-Torok Għawdex. Dawn kienu taħt it-tmexxija ta' Baxa Ċikala. L-Għawdxin sparaw u irnexxielhom irħarbtu lit-Torok. Waqt li kienu qed jirtiraw, il-kavallerija Għawdxija baqgħet sejra warajhom u ħarbtithom. Xi persuni twajba qalu li raw lill-Assunta tittajjar fuq is-suldati Torok u timbuttahom lejn il-baħar[8].

**Il-Leġġenda tal-Dbiegi**
Wieħed kaptan flimkien mal-ekwipagg kienu qed ibaħħru fuq bastiment. Daqqa waħda qamet tempesta li għaddha għarriqithom. Il-kaptan għamel wiegħda mal-Madonna li jekk isalvaw jibni knisja ddedikata lilha fl-ewwel port li jidħlu. Huma rnexxielhom jidħlu Għawdex u billi kienet l-għolja ta' Dbiegi li ra, bena din il-knisja hemm [9].

**Il-leġġenda tas-sebat Inwiet**
Ta' kull sena waqt li tkun għaddejja l-kwindiċina jmutu sebat erwieħ twajba. Dawn aktarx ikunu tfal imfarfrin. Lil dawn il-Madonna teħodhom magħha l-ġenna fil-jum il-festa tagħha[10]. Din il-leġġenda hija mera tat-twemmin li kellhom id-devoti ta' Santa Marija.

**Il-leġġenda tal-Infern Magħluq**
F'jum Santa Marija l-infern jagħlaq. L-Għawdxin kienu jemmnu li l-Madonna ma kienetx tippermetti li fil-jum iddedikat lilha, l-ebda ruħ tintilef u tmur l-infern. Għalhekk, kulmin imut fil-15 t'Awissu, jaqla' grazzja speċjali li biha jkun jista' jsalva [11].

**Twemmin**
S'issa rajna li jesistu leġġendi ta' Santa Marija fejn jidħlu twemmin popolin. Hemm ukoll drawwa li hija marbuta mat-twemmin il-poplu. Din ukoll iddur fuq iċ-Ċittadella u d-devoti ta' Santa Marija. Fiċ-Ċittadella hemm għajn li kienet trodd ilma ħelu u ħafif. Id-devoti ta' Santa Marija kienu jmorru jixorbu belgħa ilma mhux biex jaqtgħu l-għatx iżda bħala devozzjoni lejn Omm Alla. Wara l-belgħa kienu jgħidu din it-taqbila:

Ja Verġni Marija
Berikna b'dan lilma
Naddafna mill-ħtija [12].

**Konkluzjoni**
Dawn il-leġġendi u twemmin dwar Santa Marija huma kollha Għawdxin. Jista' jagħti l-każ li jesitu xi leġġendi Maltin li, minħabba xi raġuni, qatt ma ġew irrekordjati. Dawn il-leġġendi u twemmin juru kemm il-poplu kien jħobb lil Santa Marija. Fiha l-poplu dar f'mumenti koroh tal-istorja tiegħu. Lejha dar biex isemma talbu. Lejha dar biex isemma' l-uġigħ tal-qalba. Ġo kliem ieħor fiha tafa' l-fiduċja tiegħu. Dawn l-'istejjer' jistgħu jibdihom xi ħadd. Wisq probabli xi predikatur li jkun qed jipprepara l-paniġierku. Meta l-poplu, bla skola kif kien, jisma' dawn l-istejjer hu jgħaddihom lil ħaddieħor u maż-żmien issiru parti mill-wirt folkloristiku tagħha f'forma ta' leġġendi, drawwiet jew twemmin.

7 Pisani Ġ., op cit, p 39.
8 Pisani Ġ., op cit, p 41.
9 Attard A. F., op cit, , p 43.
10 Attard A. F., op cit, p 44
11 Pisani Ġ. Op cit, 39.
12 Attard A. F., Il-folklore tal-festa ta' Santa Marija f'Għawdex, Programm ta' Santa Marija, Rabat Għawdex, 1984, p 42.